MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 149/2004

**Paul Pullicino**

**vs**

**Paul u Joan sive Jane konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin (LM1,752.00,0), rapprezentanti import fuq sittax (16) –il kambjala tal-valur ta' mija u disa' Liri Maltin u hamsin centezmu, (LM109.50,0), -il wahda u skaduti kull xahar bjen it-12 ta' Mejju tas-sena 1999 u t-12 ta' Awissu tas-sena 2000 – kopji**

**hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A.1. sa Dok. A.16;**

**Interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra legali datata il-21 ta' Jannar tas-sena 2004, (dok.B), il-konvenuti baqghu inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi hdax –il Lira Maltin u tmenin centezmi, (LM11.80,0), ghall-ittra tal-21 ta' Jannar tas-sena 2004 u konsult u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-29 ta' April tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------